MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1722/2002

**Avviz Numru 1722/02 AJD**
**Eugenio u Jennifer konjugi Abela**

**vs**

**Joseph u Marvic konjugi Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmenin lira Maltin rapprezentanti prezz ta' servizzji moghtija mill-atturr Eugenio Abela lill-konvenuti meta huwa permezz tal-Minibus bin-numru HVY 023 wassal lil ulied il-konvenuti, Sara u Mark lejn u lura mill-iskola Stella Maris , Balzan mit-22 ta' April 2002 sat-30 ta' Gunju 2002 bir-rata ta' Lm40.00 ghal kull tifel jew tifla.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Gunju 2002 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Carlo Bisazza in rappresentanza tal-atturi, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------